**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 767/2014 AF**

**Carmelo sive Charles Foca**

**vs**

**Franco Borg u Pamela Alamango ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tat-13 ta' Novembru 2014 il-Qorti laqghet it-talba biex jissejjah fil-kawza Frank Cachia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Carmelo sive Charles Foca, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti huwa s-sid tal-istabbiliment *ossia* ristorant, maghruf bhala "Sharma Ethnic Cuisine", gewwa l-Imdina, u dan sa mis-sena 2010.

Ftit taz-zmien qabel infetah dan l-istabbiliment, intlahaq qbil verbali bejn il-manager tar-ristorant, is-Sur Frank Cachia, u l-intimat Franco Borg, rapprezentant tad-ditta bl-isem ta' "Omnitrade & Beverage Supplies", ta' 173, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, sabiex dawn tal-ahhar jibdew ifornu lill-esponenti bil-kafè illi huwa kien se jservi lill-klijenti tieghu gewwa l-istess ristorant. Il-ftehim kollu kien illi l-kafè minnha fornut jigi ppreparat gewwa l-magna tal-kafè illi d-ditta hawn fuq imsemmija kienet sejra tipprovdi lill-esponenti sabiex tinzamm gewwa r-ristorant tieghu. Ma giet diskuss l-ebda kundizzjoni ohra.

Mal-konsenja tal-magna tal-kafè in kwistjoni, u cioè f'jum fil-qofol tal-preparamenti sabiex jinfetah ir-ristorant, l-esponenti gie indott minn l-intimat Franco Borg sabiex jiffirma dokument li huwa kien gab mieghu, liema dokument gie deskritt lilu bhala wiehed li juri li "gab il-magna", u cioè *delivery note*. Dan sehh f'mument fejn kien hemm diversi fornituri ohra gewwa r-ristorant in kwistjoni u f'waqt ta' attività kbira sabiex jigi allestit l-istess stabbiliment in anticipazzjoni tal-ftuh. Billi f'dak il-waqt, l-esponenti ma kellu l-ebda raguni ghaliex jiddubita mill-*bona fide* tal-intimat, huwa ffirma dan id-dokument, taht l-impressjoni illi huwa qieghed jaghti konferma illi l-magna tal-kafè kienet fil-fatt waslet ghandu. La dak il-hin, u lanqas wara, l-esponenti ma nghata l-ebda kopja ta' dak li ffirma. Sussegwentement, l-esponenti beda, kif kien miftiehem, jixtri l-kafè minghand id-ditta "Omnitrade Food & Beverage Supplies" u jservi l-istess kafè lill-klijenti tieghu.

Gara izda illi maz-zmien, il-prezz mitlub mid-ditta "Omnitrade Food & Beverage Supplies" beda joghla unilateralment b'mod irragonevoli. Oltre dan, ir-rapprezentanti ta' din id-ditta kienu

jibaghtu l-haddiema sabiex jaghmlu manutenzjoni tal-magna meta jidhrilhom huma, u anke jekk ma jkunx hemm bzonn, biex imbaghad jibaghtu kontijiet ezorbitanti ferm. L-esponenti u l-*manager* tieghu, Frank Cachia, ilmentaw ghal xhur shah mal-intimat Franco Borg, kemm dwar il-fatt li huma kienu qeghdin jghollu l-prezz b'mod irragonevoli skont kif ifettlilhom, u anke dwar il-kontijiet tal-"manutenzjoni"; izda l-problemi baqghu ma ssolvewx. Gara wkoll lli jum minnhom, l-intimati avzaw lill-esponenti li l-modalità tal-hlas li segwew il-partijiet sa dakinhar kellha tinbidel ghal wahda ta' *cash on delivery*. Kien f'dawn ic-cirkostanzi kollha ghalhekk illi r-rikorrenti kellu jiehu d-decizjoni illi jibda jinkariga ditta ohra sabiex tfornih bil-kafè, u dan anke versu l-ahjar interess ghan-negozju tieghu.

Kienet sorpriza ghar-rikorrenti meta fit-28 ta' Lulju 2014 (Dok. A), huwa gie interpellat mid-ditta "Omnitrade Food & Beverage Supplies" sabiex ihallas lilha s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u erbghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€21,540.94), liema somma kienet tinkludi, dik ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) bhala penali ghat-terminazzjoni ta' kuntratt datat 1 ta' Dicembru 2011, u telf ta' profitt fis-somma ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u sebghin Ewro (€4,875). Ftit jiem wara, huwa gie notifikat b'mandat ta' sekwestru fuq l-istess ammont (Dok. B).

Billi l-esponenti lanqas biss seta' jifhem 'il ghaliex intbaghtitlu din l-ittra, huwa talab lid-ditta "Omnitrade Food & Beverage Supplies", sabiex tghaddilu kopja tal-kuntratt li kien imsemmi fl-istess ittra. Kien proprju malli rcieva din il-kopja (Dok. C) (li lanqas biss kienet iffirmata minnu) illi l-esponenti ntebah illi d-*delivery note* li huwa gie indott jiffirma mal-konsenja tal-magna tal-kafè ma kienet *delivery note* xejn, izda skrittura bi ftehim b'diversi kundizzjonijiet ghal kollox irragonevoli u esageratament oneruzi u improporzjonati li jmorru ferm lil hinn minnha dak precedentement miftiehem verbalment. Kien biss fl-ahhar jiem, u wara hafna insistenza tal-konsulenti legali tal-esponenti, illi huwa rnexxielu jottjeni l-kopja ffirmata miz-zewg partijiet (Dok. D). L-esponenti qatt ma kien se jiffirma skrittura bhal dik f'cirkostanzi normali.

Jidher evidenti, mill-iskrittura stess u mic-cirkostanzi kollha, u dan kif se jigi muri wkoll waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'ghemil doluz da parti tal-intimati, jew min minnhom, minghajr liema r-rikorrenti ma kienx jikkuntratta, u dan ukoll billi l-kunsens tar-rikorrenti gie moghti bi zball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oggett tal-ftehim tal-1 ta' Dicembru 2011.

Ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Foca jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Stante l-fatt illi l-kunsens moghti mir-rikorrenti kien vizzjat, huwa kellu jressaq dan ir-rikors guramentat sabiex jitlob ir-rexissjoni tal-iskrittura datat 1 ta' Dicembru 2011.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tar-rikorrenti fuq l-iskrittura tal-1 ta' Dicembru 2011 gie karpit b'ghemil doluz da parti tal-intimati, jew min minnhom, minghajr liema r-rikorrenti ma kienx jikkuntratta, u/jew li l-kunsens tar-rikorrenti fuq l-imsemmija skrittura gie moghti bi zball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oggett tal-ftehim.

2. Tiddikjara ghalhekk nulla u minghajr effett l-istess skrittura datata 1 ta' Dicembru 2011 bejn il-kontendenti, u konsegwentement tirrexindiha – dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, jew min minnhom, illi jinsabu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur huwa dahal fi ftehim ta' fornitura esklussiva in data 1 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu l-attur obbliga ruhu jixtri diversi prodotti esklussivament minghand l-intimat u in kontra kambju l-intimat offra *credit u facility terms* ghall-pagament kif ukoll magni specjalizzati ghal produzzjoni tal-kafè bil-prodotti tal-istess intimat ((pakkett kummercjali offrut lill-attur talli beda jixtri esklussivament minghand l-intimat (Dok. 1 hawn anness). Dan il-kuntratt gie debitament iffirmat mill-attur. Ghalhekk ma hux minnu li l-partijiet ftehmu verbalment jew li l-attur iffirma biss xi *delivery note*.

Minghajr pregudizzju ghs-suespost kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, mal-iffirmar tal-kuntratt l-attur iffirma diversi dokumenti ohra fosthom il-ftuh ta' *account* mal-intimat (Dok. 2), *credit facility agreement* (Dok. 3), u l-atturipprezenta kopja ta' l-ID tieghu mal-intimat (Dok. 4).

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur u l-operatur/manager tal-istess attur damu 'l fuq minn tlett (3) snin jaghmlu diversi ordnijiet mill-intimat ghall-prodotti tieghu in esekuzzjoni tal-ftehim u ghalhekk l-attur huwa skorrett meta jghid illi ma kienx edott b'xi ftehim jew il-kundizzjonijiet vigenti bejn il-partijiet.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalhekk ir-rabta bejn il-partijiet hija wahda naxxenti minn kuntratt iffirmat bejniethom u l-att taghhom ghandu s-sahha ta' ligi – *pacta sund servanda*.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur u l-operatur/manager tieghu kissru volontarjament il-kuntratt meta waqqfu jixtru prodotti minghand l-intimat fornitur u addirittura kkommettew misapproprijazzjoni meta fil-magni provduti mill-intimat bdew iqeghdu prodotti ta' terzi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost bl-agir tal-attur u l-operatur/manager tieghu, l-intimat sofra telf ta' bejgh, danni kuntrattwali, hsarat estensivi fil-magni provdut minnu lill-attur li kellhom bzonn jissewwew.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kien biss wara li l-intimat talab gudizzarjament il-hlas tal-bilanci ghal prodotti gja mibjugha, kumpens ta' telf ta' bejgh, danni kuntrattwali u kumpens ghal hsarat, ben TLETT SNIN wara li bdiet ir-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet li l-attur beda jivvinta li kien hemm xi eghmil doluz da parti tal-intimat li induca lill-attur fi zball meta kkuntratta. Din ma xejn hlief skuza facli sabiex jahrab milli jwettaq ir-rabta kuntrattwali li dahal fiha.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost kontestwalment ma' din ir-risposta qed tintalab il-kjamata in kawza tal-manager/operator tieghu li f'tul ta' tlett snin ghamlu flimkien aktar minn 75 ordni [ara Dok. 5 (ordnijiet ghas-sena 2011), Dok. 6 (ordnijiet ghas-sena 2012), Dok. 7 (ordnijiet ghas-sena 2013)] hawn annessi). Dan il-fatt ixejjen l-allegazzjonijiet kollha tal-attur.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost kontestwalment ma' din ir-risposta qed tintalab il-kjamata in kawza tal-manager/operator tal-attur certu Frank Cachia li huwa krucjali ghal kawza odjerna, ggestixxa u haddem dan il-kuntratt flimkien mal-attur u holoq flimkien mal-attur dawn l-allegazzjonijiet palezament foloz sabiex l-attur jipprova jevita r-repsonsabbilità kuntrattwali tieghu bi pregudizzju ghall-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi permezz ta' digriet tagħha tat-13 ta' Novembru 2014 ġie msejjaħ fil-kawża Frank Cachia.

Rat illi din il-kawża kienet miexja ma dik fl-ismijiet **Franco Borg pro et noe et vs Carmel Foca et**, bin-numru 810/2014 u fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2017 il-partijiiet iddikjaraw illi l-provi f'dik il-kawża għandhom jagħmlu tajjeb ukoll bħala provi għal din il-kawża u vice versa.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jattakka l-iskrittura ffirmata minnu u datata 1 ta' Diċembru 2011 għaliex jgħid illi l-kunsens tiegħu fuq l-istess skrittura kien vizzjat minħabba għemil doluż da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, kif ukoll illi l-kunsens ġie mogħti bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oġġett tal-ftehim. Konsegwentement, qiegħed jitlob lill-Qorti tordna r-rexxissjoni ta' din l-iskrittura.

L-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-artikolu 1212 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi li,

> "*Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni."*

A tenur tal-artikolu 966:

> *"Ir-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:*
>
> *(a) illi l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw;*
> *(b) il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu;*
> *(ċ) ħaġa żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt;*
> *(d) kawża leċita biex wieħed jobbliga ruħu."*

Rilevanti wkoll huma s-segwenti disposizzjonijiet tal-Kodici:

> *"Art. 974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.*
>
> *Art. 975. L-iżball dwar il-liġi ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdenija jew ewlenija tiegħu.*
>
> *Art. 976. (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

*(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim.*

*Art. 981. (1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat*."

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur huwa sid l-istabbiliment ossia *restaurant* bl-isem ta' "Sharma Ethnic Cuisine" u dan mis-sena 2010. F'dan in-negozju l-attur kien bi sħab mal-imsejjaħ fil-kawża iżda filwaqt li n-negozju kien effettivament imexxih l-imsejjaħ fil-kawża, isem l-imsejjaħ fil-kawża ma kien jidher mkien u kollox relatat man-negozju kien f'isem l-attur biss.

Il-konvenut huwa fornitur u importatur ta' ikel u xorb. Huwa jopera bid-ditta "Omnitrade & Beverage Supplies". Qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt mertu ta' din il-kawża, il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża kienu ħadmu flimkien meta l-imsejjaħ fil-kawża kien imexxi stabbiliment ieħor ġewwa Marsaskala. L-attur ma kellu xejn x'jaqsam mal-istabbiliment ta' Marsaskala.

Meta l-imsejjaħ fil-kawża daħal bi sħab mal-attur, huwa introduċa lill-attur mal-konvenut. Il-ftehim milħuq bejn il-partijiet kien fis-sens li l-konvenut ikollu dritt esklussiv li jissuplixxi ċertu xorb għal Sharma Ethnic Cuisine, inkluż ditta partikolari ta' tè u kafè. Il-ftehim kien jinkludi l-konsenja ta' magna tal-kafè da parti tal-konvenut sabiex minnha jiġi ppreparat il-kafè kkonsenjat. It-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt kienu negozjati mill-imsejjaħ fil-kawża u l-konvenut. L-attur qatt ma nnegozja direttament mal-konvenut.

L-attur jikkontendi li l-konvenut mar biex jikkonsenja l-magna tal-kafè ftit tal-ġranet qabel ma kellu jiftaħ ir-*restaurant* għall-pubbliku għall-ewwel darba, f'jum meta kien hemm ħafna

attività għaddejja in antiċipazzjoni għall-ftuħ. Jgħid illi dakinhar, il-konvenut kien talbu jiffirma dik illi sejħilha *delivery note* għall-konsenja tal-magna tal-kafè u peress illi ma kellu l-ebda raġuni jiddubita mill-*bona fede* tal-konvenut, qabad u ffirma mingħajr ma qara d-dokument.

L-imsejjaħ fil-kawża, li f'idejh kienet it-tmexxija esklussiva tal-istabbiliment, kien beda jixtri x-xorb, inkluż kafè u tè, mingħand il-konvenut u jservi dan ix-xorb lill-klijenti tar-*restaurant* kif miftiehem. Skont l-attur, l-imsejjah fil-kawża kien qallu li l-prezz tal-kafè kien qed jogħla b'mod irraġjonevoli, li l-magna tal-kafè kienet sikwit tkun bil-ħsara, li kien qed ikollhom iħallsu għal dawn it-tiswijiet huma bi prezzijiet irraġonevoli u li l-klijenti kienu qed jilmentaw fuq it-toghma tal-kafè. L-attur jgħid illi f'dawn iċ-ċirkostanzi ddeċidew li jinkarigaw ditta oħra sabiex tforni r-*restaurant* bil-kafè.

L-attur jgħid illi l-imsejjaħ fil-kawża kien qallu li huwa kien informa lill-konvenut bid-deċiżjoni tagħhom li jixtru l-kafè mingħand ħaddieħor u li għalhekk kien sorpriż meta rċieva l-ittra tat-28 ta' Lulju 2014 fejn ġie interpellat mill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €21,540.94 li tikkonsisti minn arretrati ta' €373.94, €15,000 bħala penali għat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-1 ta' Diċembru 2011, €4,875 bħala telf ta' profitt u €1,592 minħabba ħsara fil-magna tal-kafè. Il-Qorti tinnota li fil-fatt dawn il-figuri flimkien jammontaw għal €21,840.94.

Dejjem skont l-attur, kien biss meta rċieva din l-ittra li huwa talab lill-konvenut sabiex jgħaddilu kopja tal-kuntratt li jissemma' fl-istess ittra u meta rċieva kopja nduna li dak id-dokument li kien iffirma kważi tlett snin qabel ma kien *delivery note* xejn iżda kuntratt li skont hu fih kundizzjonijiet irraġonevoli, onerużi u sproporzjonati li jmorru lil hinn minn dak illi kienu ftehmu verbalment.

Fil-fatt jirriżulta li din l-iskrittura li ffirma kienet *Exclusivity Supply Agreement* fejn il-partijiet ftehmu li għal tmien snin, il-konvenut tramite d-ditta tiegħu "Omnitrade Food & Beverage Supplies" ikollu dritt esklussiv li jissuplixxi lill-istabbiliment "Sharma Ethnic Cuisine" ċertu xorb inkluż tè u kafè ta' ditta partikolari.

Parti mill-ftehim kien illi l-konvenut jissuplixxi l-magna tal-kafè u attrezzi u aċċessorji oħra relatati tal-valur komplessiv ta' €4,835 kif ukoll illi l-attur jingħata skont ta' 5% fuq ċertu prodotti sakemm jintlaħaq il-valur tal-oġġetti elenkati fl-appendiċi 'C' tal-kuntratt.

Ġie maqbul illi l-magna tal-kafè tibqa' proprjetà tal-konvenut b'dan illi l-attur obbliga ruħu biex jieħu ħsieb il-magna u jħallas tal-manutenzjoni tagħha.

Ġiet stipulata klawsola penali ta' €15,000 f'każ li:

1. L-attur jaġixxi bi ksur tal-obbligu tiegħu li jixtri x-xorb elenkat fl-appendiċi 'A' esklussivament mingħand il-konvenut;

2. L-attur jaġixxi bi ksur ta' xi obbligu ieħor taħt il-kuntratt;

3. L-attur ma jibqax jiġġestixxi n-negozju jew jekk jittrasferixxi n-negozju lil terzi, dawn ma jkomplux jonoraw il-kuntratt.

Dakinhar illi ffirmaw il-kuntratt in kwistjoni, l-attur iffirma wkoll *Credit Facility Agreement* ta' tletin ġurnata kreditu sal-ammont massimu ta' €1000.

In linea preliminari, il-konvenuti jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> *"(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*
>
> *(2) Dan jgħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

L-artikolu sussegwenti jissokta hekk:

*"(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.*

*(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

Dwar l-artikolu 1222, fil-każ ta' Maria Agius vs Josephine Schembri et, deċiż fit-23 ta' April 2009, din il-Qorti diversament presjeduta kellha xi tgħid hekk:

*"Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullità u ta' rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti.*

*Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Illi fil-fatt, gie ritenut fil-kaz* ***Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li:*

*"Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta' età u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b'kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta' zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni però mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullità radikali; ghax in-nullità radikali tirrendi l-obligazzjoni inezistenti, filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni tezisti. U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni."*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001 gie deciz li:*

*"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volontà kontrattwali taghhom. Min jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti certament ma ghamlux."*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Adrian de Haan vs George Whelpdale et*** *deciza fil-31 ta' Lulju, 1996 [LXXX-II-I-893] irriteniet li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.*

*Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitamnet accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament. (Ara* ***Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001, u* ***Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited*** *deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003).*

*Id-data trid tigi stabbilita b'mod car. Fil-kawza fl-ismijiet* ***John Bugeja vs Joseph Gauci*** *deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. J. R. Micallef] inghad:*

*"Illi marbut ma' dan il-prinċipju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull każ trid tistħarreġ u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni."*"

Fil-każ riċenti ta' DJRL Dance Limited et vs Trends Limited et, tal-20 ta' Mejju 2019, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Meta tigi eccepita l-preskrizzjoni jew id-dekadenza, id-data trid tigi stabbilita b'mod car u l-oneru ta' tali prova jaqa' fuq il-konvenut li jkun eccepixxa li l-azzjoni attrici hija preskritta. Fil-kawza fl-ismijiet* ***John Bugeja vs Joseph Gauci*** *deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili inghad: "Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull kaz trid tistħarreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha ticħad l-eccezzjoni."*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża odjerna, l-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhijiex tajba għaliex il-*punctum temporis* rilevanti għall-eċċezzjoni hija d-data meta l-attur jgħid illi sar jaf bid-difett. Mingħajr preġudizzju għal dak li ser jingħad aktar 'l isfel dwar il-mertu, fil-każ tal-lum jirriżulta li l-attur jgħid illi sar jaf x'kien iffirma meta rċieva l-ittra tat-28 ta' Lulju 2014 u din il-kawża saret biss ftit tal-ġimgħat wara.

In linea preliminari wkoll, l-imsejjaħ fil-kawża jeċċepixxi li m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-konvenuti. Peress illi din il-kawża hija biss dwar jekk il-kunsens tal-attur fuq l-iskrittura tal-1 ta' Diċemru 2011 kienx ivvizjat minħabba frodi jew żball, din il-Qort tqis illi l-imsejjaħ fil-kawża għandu raġun f'din l-eċċezzjoni tiegħu.

Minkejja li kien huwa li wassal lill-partijiet għall-iffirmar tal-kuntratt, ma kienx hu li ffirma u għalhekk l-iskrittura in kwistjoni hija *res inter alio acta* għalih. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-imsejjaħ fil-kawża ma xehed xejn dwar il-ftehim in kwistjoni, iżda kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi, jibqa' li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi ladarba lanqas biss huwa parti fuq il-ftehim impunjat.

In linea ta' prinċipju ta' dritt dwar il-mertu, dwar il-qerq bħala vizzju tal-kunsens, fil-kawża ta' George Portelli et vs Ivan John

Felice, tat-28 ta' Lulju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> "*Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir ezaġerat dwar xi kwalità tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni. Fil-każ tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawża ta' nullità tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi;*
>
> *Illi peress li l-għamil doluz ma jistax ikun prezunt, fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din. Fil-kaz prezenti, dan il-piz jaqa' fuq l-imħarrek rikonvenjent;*
>
> *Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikultà zejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'każ bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuza faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-għamil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun;*"

Dwar x'jammonta għal *dolo* u *mala fede* bħala vizzju tal-kunsens, ingħad hekk fis-sentenza ta' Reverendu Don Francesco Zammit et vs Avukat Dr Anthony Farrugia et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Marzu 1967:

*"...id-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz a' qerq (raġġiri) biex tiddevija r-rieda tal-ieħor billi tipprovoka żball ('errore'), Infatti, ikkunsidrat min-naħa tad-deceptor, id-dolo hu raġġir waqt li, kunsidrat min-naħa tad-deceptus, hu żball. Il-liġi, li diġà tikkontempla l-iżball bħala vizzju tal-kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar il-bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anki meta l-iżball ma jkunx ġuridikament suffiċjenti biex waħdu iġib għan-nullità*."

Ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza Anthony Piscopo vs Charles Filletti, tas-16 ta' Ġunju 2003:

*"A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta";*

*Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;*

*Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo", Prim'Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih."*

Dwar l-iżball bħala vizzju tal-kunsens, din il-Qorti diversament presjeduta irriteniet hekk fis-sentenza Prokuratur Legali Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et, tal-4 ta' Marzu 2004:

*"Ghar-rigward ta' l-allegat zball ta' fatt, l-artikolu 976 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi li "L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullità tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim". Skond il-gurisprudenza, l-*

*izball fuq is-sustanza ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli (ara s-sentenza klassika fuq il-materja "Cutajar vs Petroni" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju, 1969).*

*...*

*Kien rilevat illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabbiliti bla xkiel żejjed mill-parti li tallega l-qerq, għaliex inkella xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq."*

Fil-fuq citata Anthony Piscopo vs Charles Filletti, ingħad li:

*"Naturalment kif jgħid il-Baudry, "nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse più o meno intelligenti, se date le circostanze fosse più o meno facile ingannarla";*

*Dan ma jistax ħlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wieħed għad-dannu ta' l-ieħor jammonta għad-dolo rikjest mil-liġi';*

*...*

*Ikun tassew faċli kieku kellu jiġi aċċettat illi bl-iskuża ta' l-allegata mala fele da parti ta' wieħed mill-kontraenti, l-kontraent l-ieħor japprofitta ruħu biex jeżimi ruħu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex iħassar u jannulla ftehim konkjuż."*

Dwar meta l-iżball ikun skużabbli, fis-sentenza fl-ismijiet PL Adrian Borg noe vs Godfrey Grima noe et, tat-3 ta' Ġunju 1994, din il-Qorti diversament presjeduta kienet iddikjarat illi:

*"id-difett tal-kunsens irid ikun skużabbli għax inkella l-konvenut huwa responsabbli għan-negliġenza tiegħu u mhux leċitu illi għax il-konvenut iffirma bla ma qara dokumenti għandu jieħu xi vantaġġ mit-traskuraġni tiegħu stess biex*

*b'hekk jevadi l-obbligi kontrattat minnu mal-parti kontraenti l-oħra."*

L-iżball mhux skużabbli meta huwa l-frott ta' negliġenza kbira li kieku ma kienx għaliha l-kontraent kien ikun jista' jinduna bl-iżball anke bi ftit diliġenza. Fil-każ ta' Mark Debono vs Mary Zastera, tat-28 ta' Jannar 2016, din il-Qorti diversament presjeduta qalet proprju li:

*"Żball ikun skużabbli meta jkun kawżat mill-parti l-oħra tal-kuntratt, iżda minkejja dan, l-iżball ma jkunx skużabbli jekk bi ftit għaqal jista' jkun verifikat bla ħafna tbatija."*

Rilevanti wkoll għal każ tal-lum huwa s-segwenti bran meħud mid-deċiżjoni Borg noe vs Grima noe et, fuq citata, fejn ingħad li,

*"żball ma huwiex skużabbli meta wieħed ikun traskurat u jiffirma qabel ma jaqra l-karta jew naqas li jitlob li tali skrittura, jekk ma fehmiex, tiġi lilu spjegata."*

B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li mhuwiex minnu li l-kunsens tal-attur kien ivvizjat b'għemil doluż jew ingħata bi żball.

L-attur jgħid illi huwa ma kienx jaf x'qiegħed jiffirma fil-konfużjoni tal-mument meta l-konvenut ippreżentalu d-dokument biex jiffirma. Iżda l-Qorti tqis illi mhuwiex verosimili u lanqas kredibbli li l-attur iffirma fuq kull paġna ta' dokument konsistenti minn tlett paġni u tlett appendiċi u verament kien minghalih li kien qed jiffirma sempliċi *delivery note*. Żgur illi tul il-preparamenti għall-ftuħ tal-istabbiliment l-attur iffirma ħafna *delivery notes* u anke kuntratti għall-provvista ta' prodotti u oġġetti oħra u allura żgur illi kien kapaċi jagħraf bejn kuntratt li kien ser jorbtu b'numru ta' kundizzjonijiet u sempliċi *delivery note* għall-konsenja ta' xi biċċa għamara jew tagħmir. Fuq kollox, kif jidher mill-ġurisprudenza, ma jistax jiġi allegat frodi meta l-fatti kif kienu faċilment aċċertabbli.

L-istess għandu jingħad dwar l-allegat vizzju tal-kunsens minħabba żball. L-attur lanqas m'għandux raġun jgħid illi l-

kunsens tiegħu fuq il-kuntratt kien ivvizjat minħabba żball. Dan l-allegat żball żgur ma kienx skużabbli għaliex dak illi jista' faċilment jiġi verifikat fil-mument tal-firma tad-dokument jeskludi li l-iżball ikun skużabbli. Mhuwiex żball skużabbli dak li wieħed jaqa' fih meta l-fatti li għalihom jirreferi dak l-iżball kienu faċilment aċċertabbli (Annunziata Busuttil vs Salvatore Busuttil, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Novembru 1966). Minn ħarsa fuq fuq lejn il-kontenut tad-dokument, l-attur seta' faċilment induna x'kien ser jiffirma.

Ġie muri li l-attur kien jiddependi kompletament fuq l-imsejjaħ fil-kawża għat-tmexxija tal-istabbiliment u bil-komportament tiegħu wera negliġenza u nuqqas ta' prudenza għaliex fl-aħħar mill-aħħar ismu biss kien ser jidher u l-imsejjaħ fil-kawża qatt ma kien jidher imkien fin-negozji li kien jiġġestixxi. Kien l-attur stess illi ammetta li kien jafda l-karta tal-identità tiegħu mal-imsejjaħ fil-kawża u li ġie tradut. L-attur ma kienx prudenti, għall-kuntrarju, ikkomporta ruħu b'leġġerezza għamja u issa ma jistax jitfa ħtija fuq ħaddieħor.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti; u

3. Tiċħad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur b'dan illi l-konvenuti għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-imsejjaħ fil-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG